**TARXIEN**
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 5/2025**

Data: It-Tlieta, 29 t' Ottubru 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 75 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**5.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 4**

5.1.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.4 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**5.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 4**

5.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-10 ta' Settembru 2024 u 29 t' Ottubru 2024 li kienet tammonta għal €103,729.34.

TARXIEN
Local Council

## 5.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 4

| | |
|---|---|
| **5.3.1 Post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sindku semma li issa l-Kunsill jistenna lid-Dipartiment sakemm terġa' toħroġ is-sejħa. |
| **5.3.2 Post Vakant Assistent Prinċipal fi skala 11** | Is-Sindku semma l-applikazzjonijiet għal dan il-post vakant kienu reġgħu infetħu. |
| **5.3.3 Charging Pillars** | Is-Sur Neil Portelli semma li kien għadu mingħajr risposta għal dak li kien bagħat sabiex jitnaqsu xi charging points. Semma lihuwa kien ser jerġa; jibgħat tifkira fuq l-aħħar komunikazzjoni. |
| **5.3.4 Approvazzjoni ta' bye-law għall-kiri ta' faċilitajiet** | Is-Sindku semma li kienu irċivew lista ta' affarjiet li jridu jibgħatu mal-Bye-law sabiex jibda l-proċess. Semma li ser tkun qed issir it-translation għall-Ingliż. |
| **5.3.5 Proposta sabiex jibda jopera l-grawnd 5 a side** | Is-Sindku semma lis-sejħa kienet ħarġet kienet daħlet applikazzjoni interna wara li għalaq iż-żmien li fih setgħu jidħlu s-sottomissjonijiet. Semma wkoll li daħlet applikazzjoni waħda minn Part 1 u ser isiru l-intervisti. |
| **5.3.6 Public Liability Policy mitluba mill-BCA** | Is-Sindku semma li l-Kunsill ser jara li l-kuntratturi li jitqabdu jaħdmu jkollhom din il-poloza peress li kif kien diskuss il-Kunsill ma jistax jagħmel din il-plza f' isem l-ebda kuntrattur. |
| **5.3.7 Toddlers area Gnien Joanne** | Is-Sindku semma li wara spezjoni li saret ħarġet ukoll ittra mill-persuna li għamlet l-ispezzjoni li see-saw ma tistax tisewwa għax l-injam espanda, semma li l-kuntrattur li ħa ħsieb it-tender iltqajna miegħu wkoll hu dan saħaq li l-garanzija ma tkopriex ħsarat minn |

TARXIEN
Local Council

elementi naturali. Għaldaqstant fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill qabel li din għandha tgħaddi write off u toħroġ kwotazzjoni għal oħra ġdida li tkun tiflaħ għall-elemnti.

Semma wkoll li hemm mproblema bil-bandla ta diżabilita' semma li l-kuntrattur talab li jżomm il-frame, ineħħi l-bandla u minfloka tiġi merry go round li tista' tintuża' anki minn tfal bi bżonnijiet speċjali. Fuq proposta tas-sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella kien hemm qbil li jitolbu lill-kuntrattur sabiex jibdel din il-bandla.

Is-Sindku semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jiġi finalizzat toodlers area. Semma wkoll li ser ikunu wkoll qed jieħdu ħsieb il-gates.

| | |
|---|---|
| **5.3.8 Triq it-Tempji Neolitiċi** | Is-Sindku semma li dan il-proġett għadu għaddej. |
| **5.3.9 Arkata ġewwa Trjqet Karl Chircop** | Is-Sindku semma li għadhom qed jintalbu l-kwotazzjonijiet. |
| **5.3.10 Restawr Madonna tar-Rużarju Triq Xintil** | Is-Sindku semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbeda dan ix-xogħol ta' restawr. |
| **5.3.11 Van tal-Kunsill għar-residenti** | Is-Sindku semma li t-tarġa saret. Semma li ser ikun qed jara l-possibbilita' limjsir vjaġġ sabiex jieħdu l-anzjani ibidlu l-Karta tal-Identita'. |
| **5.3.12 Notice Boards** | Is-Sindku semma li dawn għadhom ser jeħlu fiż-żoni propost imma għadhom ma twaħħlux għalissa. |
| **5.3.13 Sports Week** | Is-Sindku semma li l-fun Walk saret u l-fondi li nġabru għaddew għand Puttinu mis-Sur Urry u kopja tal-irċevuta tinstab l-Uffiċju. |

**TARXIEN**
Local Council

Is-Sindku semma li l-preparamenti għaddejin tajjeb. Semma li l-baned, kantanti u korijiet huma kollha ikkonfermati. Semma li l-istands huma kważi magħluqa. Semma li l-flyers qed jitqasmu fid-djar u qed jibdew ukoll isiru l-printing tal-backdrops. Semma li nhar 21 ta' Novembru s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Zerafa Civelli ser tkun qed tagħmel konferenza stampa. Semma li ser ikunu mistiedna l-Għaqdiet.

**5.3.14 Festa Ħelu**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li ser tkun fil-jiem limġejjien ser tkun qed tippubblika diversi posts kif ukoll qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex isir l-iriklamar fuq it-televixin u radio. Is-Sur Dasier semma li jista' jagħti kontribut fuq riklamar li jsir fuq l-One.

Is-Sindku semma li nhar 29 ta' Novembru ser tkun qed tinfetaħ wirj atal-Milied fis-sala tal-Komunita'. Semma li ser ikun hemm artisti differenti u l-wirja ser tkun miftuħa matul Festa Ħelu.

Is-Sindku irringrazzja lis-Sa. Nicole Farrugia li kienet ta' spalla għall-Kunsill.

**5.3.15 Rivista tal-Kunsill**

Is-Sa. Nicole Farrugia irringrazzjat lill-Kunsilliera għall-kotribut tagħhom. Semmiet ukoll li marret għall-istampar.

**5.3.16 Fire Warden Course**

Is-Sa. Vella semmiet li l-kors kien sar kif ukoll l-esebizzjoni tal-fire Engine saret ukoll. Is-Sindku irrimarka li din l-attivita' għandha tidħol ma' attivita' oħra bħalma kienet Festa Tfal sabiex il-konkorrenza għall-esebizzjoni tkun aktar b' saħħitha.

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li wara li kienet sarte il-Festa ta' Tberik tal-Annimali, l-Arċipriet talab li jiltaqa' mas-Sa. Nicole Farrugia. Semmiet li l-Arċipriet jixtieq li jkun hemm aktar koordinament bejn il-Knisja u l-Kunsill.

Semmew li l-Parroċċa ser tagħmel il-Purċissjoni ital-Bambin f' diversi inħawi u dati differenti matul Diċembru.
Is-Sa. Darlene Vella semmet li hija tixtieq tiskeda laqgħa mal-Arċipriet anki peress li hija l-Kunsilliera responsabbli mill-Għaqdiet.

**5.3.17 Attivita' mill-Għaqdiet fl-1 ta' Novembru**

Is-Sa. Darlene Vella semmiet li kompliet bil-komunikazzjoni mas-Sur Fiott li ser ikun qed jorganizza din l-attivta'. Semmiet li min-naħa tagħha qed tassisti sabiex l-Għaqdiet ikunu involuti.

**5.3.18 Cat Feeders**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li l-vouchers tqassmu kollha u ser ikun hemm laqgħa fis-sala tal-Komunita' mas-Sa. Romina Frendo.

**5.3.19 Festa Tberik tal-Annimali**

Is-Sindku irringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom fl-attivita' ta' Tberik tal-Annimali. Semma li l-attivita' kienet waħda suċċess u li kien hemm ukoll il-faċilita' li residenti japplikaw biex jipparteċipaw qabel bdie l-attivita'.

**5.3.20 Foam Party għat-tfal**

Is-Sur Dasier Damato semma li dan il-festin ma sarx minħabba l-maltemp li kien hemm dakinhar li kellu jsir. Semma li ser ikun qed jaħdem fuq il-Festin tal-Milied.

**5.3.21 Kunsill ta' tfal**

Is-Sur Dasier Damato kjarifika li l-ewwel seduta tal-Kunsill ta' tfal kienet ikkanċellata minħabba li kienu sejrin żewġt itfal biss dan minkejja li l-komunikazzjoni minn RIGHTS kienet tindika li s-sessjoni tħasret għax fl-aħħar ftit ħin il-Kunsill mea mis-sala tal-Komunita' għall-Kunsill. Is-Sur Dasier spjega li dan ma kienx il-każ minħabba li dawn jinstabu fl-istess triq u viċin xulxin.

TARXIEN
Local Council

Semma li ġiet skedata d-data ta' 28 ta' Novembru 2024 sabiex jinbeda dan il-Kunsill.
Kien hemm qbil li jitkellmu mal-Kap tal-Iskola sabiex jitħajru t-tfal sabiex jingħaqdu f' dan il-Kunsill.

**4.4 Ħaddiema Klerikali Kunsill Loakli Tarxien – Mozzjoni mis-Sindku**

4.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hija għaddiet il-komunikazzjoni kollha u d-deċiżjoni tal-Kunsill lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikun hemm direzzjoni dwar dan. Is-Sindku ikkonferma li dak li ddeċieda l-Kunsill li impjegata ttla minn skala 16 għal skala 15 mhuwiex skond ir-regolamenti u l-Kunsill ma jistax awtomatikament itella' lil din l-impjegata.

4.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv sġjegat li l-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikal kien ser jiġi ffirmat fil-ġimgħat li ġejjin u li ggandu jirregola din l-anomalija.

**4.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.5.1 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li jkun utli li bħala Kunsill nibdew naħdmu fuq Mobile App. Is-Segretarju semmiet li din għandha tkun ukoll bħala Help Desk. Kien hemm qbil li jibdew isiru laqgħat ma' suppliers li jistgħu jagħtu dan is-servizz.

4.5.2 Is-Sindku semma li s-Sur Neil Portelli u anki l-Perit tal-Kunsill ħadmu sabiex daħlet l-applikazzjoni tal-Framework tal-Public Works sabiex issiru l-bankini kollha ta' madwar Ġnien Joanne. Semma li l-BOQ telgħet ħafna iktar minn EUR175,000 u kien hemm komunikazzjoni mal-Public Works sabiex l-applikazzjoni tiġi sotomessa kif inhi. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-każ li ma tiġix sostnuta l-claim kollha, l-Kunsill iqies parti minn dan il-proġett bħala Proġett kapitali u jħallas mir-riżervi li d-differenza hija ta' madwar EUR150,00.

4.5.3 Is-Sindku semma li qed titkompla l-komunikazzjoni mal-Perit rigward l-applikazzjoni ta' Ġnien Penza. Semma li intbgħatet komunikazzjoni bż ħafna prerekwiżiti minn entitajiet differenti u li flimkien mal-Perit ser jaraw kif jistgħu jiġu mwieġba. Semma li wara li jkun

hemm l-approvazzjonijiet kollha ser inkunu qed napplikaw biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat mill-Planning Fund.

4.5.4 Is-Sa. Darlene semmiet li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet kollha sabiex issir il-kors tal-First Aid. Semmiet li dan ser jiġi skedat nhar 7 u 14 ta' Jannar 2025.

4.5.5 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li pasta night tal-Għaqdiet ser issir f' Jannar minħabba diversi impennji tal-Milied.

4.5.6 Is-Sa. Vella semmiet li Football Tourament ser issir f' Diċembru u talbet sabiex tordna shield bl-arma tal-Kunsill fin-nofs. Is-Sa. Darlene Vella semmiet li sejra tara hi għand xi suppliers u tinforma lill-Kunsill.

4.5.7 Is-Sindku semma li ser jibdew is-Sezzjonijiet ta' Anzjanita' Attiva u semma wkoll li ser jieħu ħsieb il-festin tal-Anzjani għall-Milied.

4.5.8 Is-Sindku semma li l-għarmar tal-Milied kien ser jibda fil-ġimgħat li ġejjien. Semma li ser tkun qed tingħalaq s-service road quddiem il-Kunsill minħabba l-Christmas Tree.

4.5.9 Is-Sindku semma li ser ikun qed jiġi instalat is-sound mat-toroq għall-mużika tal-Milied.

4.5.10 Is. Sa Nicole Farrugia semmiet li kienet ser tara kif tista' tibda torganizza Animal Therpy Sessions minn Jannar 2025.

4.5.11 Is-Sindku semma li l-Mixgħela taċ-Ċimiterju tibda mill-5:00pm nhar 2 ta' Novembru. Semma wkoll li kien ser ikun hemm arpista tanima bid-daqq f' din l-inizjattiva.

4.5.12 IS-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill talba minn Notebook Centre fejn il-Kunsill joffri servizz ta' anti-virus u xi tiswijiet żgħar fuq laptops tar-residenti. Wara diskussjoni interna kien hemm qbil li s-Sa. Darlene Vella tiċċekja ma' supplier jekk jofrix xi tip ta' servizzi oħra u jiddeċiedufil-laqgħa li jmiss jkk għandhomx jidħlu f' dan il-ftehim.

4.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li sabiex jitkomplew l-applikazzjonijiet mill-Perit fuq Ġnien Kurunell Mass, jidher li hemm multa ta' EUR200 li l-Kunsill irid iħallas. Semmiet li

din ilha pendenti mis-sena 2019 u għaldaqstant m' hemm l-ebda alternattiva ħlief li titħallas inkella l-Kunsill ma jista' jdaħħal l-ebda permess ieħor fuq Ġnien Kurunell Mass.

4.5.14 Is-sur Neil Portelli semma li ser ikun qed ikompli jaħdem mal-Perit fuq it-Traffic Management Plan.

4.5.15 Is-sindku semma li irċieva kont minn resident ta' spraying tal-karozza wara li dan daħal f' xi arblu li hemm fuq il-bankina. Is-Segretarju spjegat li ser tikkomunika hi mar-resident ir-raguni li l-Kunsill ma jistax jonora claims ta' dan it-tip meta l-arblu kien imwaħħal fuq il-bankina u kif suppost. Il-Kunsill qabel ma' dak propost.

4.5.16 Is-Sur Dasier Damato spjega li kellu proposta mis-Sa. Janice Xuereb sabiex dawn jibdew jużaw il-pitch tal-football fis-7am għal training minn National Coach. Il-Kunsill staqsa jekk dawn humiex miftuħin għar-residenti u jekk is-servizz huwiex mingħajr ħlas. Semmew li l-Kunsill jagħtil-użu tal-Grawnd mingħajr ħlas jekk kemm-il darba is-servizz ikun mingħajr ħlas u għar-residenti.

4.5.17 Il-Kunsilliera talbu li l-payslip tagħhom jibdew jirċievewha permezz ta' email. Is-Segreatrju ħa nota.

4.5.18 Is-Sa. Nicole semmiet li ser tkun qed tikrea WhatsApp Channel tal-Kunsill Lokali.

4.5.19 Kien hemm qbil li jinxtara mobile tal-Kunsill u jitħalla l-uffiċju.

4.5.20 Kien propost li l-AĠM issir nhar 12 ta' Jannar 2025. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill qabel li għandu jsir fid-data wara l-quddies tal-Ħadd li ssir ġewwa l-Erwieħ.

4.5.21 Kien propost u kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera u ħaddiema ssir nhar 19 ta' Diċembru.

4.6 **Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2024**

4.6.1 Wara li s-segreatrju Eżekuttiv tat spjega tar-Rapport Finanzjaru. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva r-Rapport hekk kif preżentat.

4.7 **Aġġornament**

4.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**